**16 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E.,: K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Philip Spiteri

**Dagħa.**

***F'materja ta' dagħa, hu korrett li wieħed jirritjeni "in diritto" illi l-istorpjatura, ossija deformazzjoni, tal-kelma proprija, meta non ostante d-deformazzjoni, stante l-assonanza, il-kelma tiftiehem l-istess, partikularment jekk hemm il-prefiss "ħaqq", jew xi ħaġa ekwivalenti fl-assonanza bħal konsonanti "q", u partikularment meta tingħad f'mument ta' riżentiment jew stat ta' animu simili, hija nsuffiċjenti biex tneħħi l-karattru blasfemu tal-kliem jew kelma.***

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fil-Marsa, fit-30 ta' Settembru 1961, f'xi l-5.30 p.m., waqt li kien isuq van numru 58 R.N. 09 minn Marsa Road, daqq il-horn f'post li f'dak il-ħin kien projbit, u barra minn dan qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-publiku;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Novembru 1961, li biha sabitu ħati u kkundannatu għal 10s. ammenda għall ewwel reat u £5 multa għat-tieni reat;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

*Omissis:*

Dwar it-tieni mputazzjoni;

Jirriżulta li l-imputat, li milli jidher irriżenta l-inġunzjoni tal-Pulizija biex ma jdoqqx il-horn, qal kelma li P.C. Agius jgħid li kienet "Alla", u li P.C. Micallef jgħid li kienet dik il-kelma, preċeduta, però, mill-oħra "Ħaqq";

L-imputat, fix-xhieda tiegħu, qal li kienet il-kelma "Għanna", iżda x-xhud tad-difiża Formosa jgħid li kienet "Ħaqqanna". Fir-rikors ukoll hemm il-kelma bl-aġġunta tal-"q". Infatti hemm il-kelma "Qanna";

*Issa*, *anki kieku* wieħed jieħu l-kelma kif irripetiha x-xhud tad-difiża, l-istess hemm il-vjolazzjoni tal-liġi in materja; għaliex jidher korrett li wieħed jirritjeni, "in diritto", kif ġie ritenut minn din il-Qorti, similment presjeduta, in re App. Krim. "Pulizija vs. D'Amato", 18 ta' Ġunju 1960, l-istorpjatura, ossija deformazzjoni, tal-kelma proprija, meta, non ostante d-deformazzjoni, stante l-assonanza, il-kelma tiftiehem l-istess, partikularment jekk hemm il-prefiss "ħaqq", jew xi ħaġa ekwivalenti fl-assonanza bħal konsonanti "Q", u partikularment meta tingħad f'mument ta' riżentiment jew stat ta' animu simili ("per modum convicii"), hija nsuffiċjenti biex tneħħi l-karattru blasfemu tal-kliem jew kelma;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---

**Tmiem tal-Volum XLV**

---